25 ta' Novembru 2021

RECEIVED
26 NOV 2021
PUBLIC CONTRACTS REVIEW BOARD

D Illumination Ltd (C508324)

Vs

Dipartiment tal-Kuntratti

Lil-Segretarju

Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi

Notre Dame Ravelin,

Floriana

**Risposta tad-Dipartiment tal-Kuntratti u tal-awtorita' kontraenti għall-oġġezzjoni mqajma minn D Illumination Ltd fil-konfront tas-sejħa għall-offerti CT2036/2019 – Lot 3**

Illi d-Dipartiment tal-Kuntratti ippubblika f'isem il-Ministeru għal Għawdex (Cultural Heritage Directorate) is-sejħa għall-offerti CT2036/2019 – Tender għall-Manifattura, Installazzjoni, Manutenzjoni u Ħażna tad-dwal dekorattiv tal-Milied, fid-29 ta' Lulju 2020.

Illi is-soċjeta' appellanti stess waqt il-gara talbet kjarifika dwar meta hija meħtieġa l-ewwel provvista tas-servizz. Dwar liema l-awtorita' kontraenti bagħtet tgħarraf bil-perjodu tal-Milied 2021. (Kjarifika Numru 3 annessa mal-oġġezzjoni u mmarkata Dok A.).

Illi is-soċjeta' appellanti rebħet lot 1 u Lot 3 fil-gara suġġett ta' dan l-appell, liema offerti is-soċjeta' appellanti rtirat, skontha għal raġunijiet l-aktar ta' trapass ta' żmien u żieda fil-prezzijiet.

Illi fil-mument li is-soċjeta' appellanti irtirat l-offerti , l-awtorita' kontraenti ma kien għad fadlilha l-ebda rabta legali mal-appellanti, nkluż dwar kjarifiki li setgħu saru u għalhekk ma kinitx obbligata tikkanċella din is-sejħa għall-offerti, kif tisħaq is-soċjeta' appellanti u minflok għażlet li tħalli is-sejħa għall-offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti CT2036/2019 in vigore u ma titterminahiex, iżda ż-żmien kien kontriha u ma kellhiex iċ-ċertezza legali li tlaħħaq tagħżel rebbieħa oħra u tagħmel il-proċess legali kollu mitlub mill-liġi dwar xiri pubbliku sal-perjodu tal-Milied 2021.

Illi għalhekk fl-interess pubbliku l-awtorita' kontraenti ħarġet sejħa għall-offerti Dipartimentali sabiex isservi bħala **interim measure** u is-servizz ta' dwal dekorattiv tal-Milied jingħata wkoll għas-sena

2021 SPD3/2021/065. Tali servizz ma setax jiġi provdut bis-sejħa preċedenti tort tas-soċjeta' appellanti li permezz tal-irtirar tal-offerti tagħha biddlet kompletament ix-xenarju tal-ewwel gara taħt it-Tender tad-Dipartiment tal-Kuntratti, b'tali mod u manjiera' li għamlitha impossibbli għall-awtorita' kontraenti li tlaħħaq tittermina l-istess gara, sal-Milied 2021.

Illi is-soċjeta' kontraenti, di sua spontanea volonta', għażlet li tirtira l-offerti tagħha, kif kellha dritt li tagħmel, u fl-istess waqt għamlitha impossibbli għall-awtorita' kontraenti li taġġudika it-tender tad-Dipartiment tal-Kuntratti CT2036/2019 sal-milied 2021 għax fih ix-xogħol u jieħu fit-tul.

Illi l-preġudizzju għall-awtorita' kontraenti kien ikun bil-wisq akbar f'termni ta' riżorsi umani u finanzjarji, kieku ikkanċellat il-gara tad-Dipartiment tal-Kuntratti CT2036/2019 li kien ġa sar ħafna xogħol fuqha.

Illi in vista ta' dan il-fatt l-awtorita' kontraenti biex issalva l-gara tat-Tender ippubblikat mid-Dipartiment tal-Kuntratti CT2036/2019, għażlet li iżżomm tali tender in vigore sas-sena 2022 u tibqa' taħdem fuqu, filwaqt li tixtri is-servizz tad-dwal dekorattiv tal-Milied għas-sena 2021, permezz ta' interim measure bil-pubblikazzjoni ta' gara, din id-darba, Dipartimentali.

Illi dina l-interim measure meħuda mill-awtorita' kontraenti kienet neċessarja fl-interess pubbliku.
Illi is-soċjeta' appellanti ma tistax tirtira l-offerti tagħha u tippretendi li jibqa' jkollha l-istess drittijiet ta' offerent fil-gara, mhux tali hekk iżda saħansitra titlob il-kanċellazzjoni tal-gara, sabiex speċi isserraħ rasha, li is-sejħa għall-offerti ma jirbaħha ħadd.

Illi l-awtorita' kontraenti ma kisritx il-kundizzjoni fejn speċifikat fit-tender tad-Dipartiment tal-Kuntratti CT2036/2019, f'nota ta' kjarifika, li is-servizz ta' dwal dekorattivi tal-Milied se jingħata b'effett mill-Milied tas-sena 2021.

Illi huwa suppożizzjoni li tibqa' tali sakemm mhux ippruvata, l-argument tas-soċjeta' appellanti li is-sejħa Dipartimentali għall-offerti SPD 3/2021/065, mhix se tipprovdi s-servizz ta' dwal dekorattiv fil-Milied tas-sena 2021.

Fid-dawl ta' dan kollu joħroġ biċ-ċar li is-soċjeta appellanti ma hix korretta la fl-argumentazzjoni tagħha u lanqas fl-interpretazzjoni tagħha dwar ir-regolamenti ta' xiri pubbliku.

Għaldaqstant dan il-Bord huwa umilment mitlub jiċħad l-argumenti tas-soċjeta' appellanti u jagħti dawk l-ordnijiet meħtieġa sabiex il-gara tad-Dipartiment tal-Kuntratti CT2036 tibqa' in vigore u li l-obbligazzjonijiet kuntrattwali taħt l-istess jkunu posposti għas-sena 2022 filwaqt li jilqa' l-interim measure li l-awtorita' kontraenti kellha tieħu fl-interess pubbliku għall-Milied tas-sena 2021 permezz tal-pubblikazzjoni tat-tender Dipartimentali SPD 3/2021/065 Tender for the Provision, Installation and Operation of Christmas Decorative Lighting in Gozo.

Dr. Francelle Saliba

Ministeru għal Għawdex